**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 17 ta' Novembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Jonathan Ransley**

**Vs**

**Vincent Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Vincent Azzopardi ta' 47 sena mwieled Hamrun nhar it-13 ta' Novembru 1967 iben Spiridione u Antoinette nee' Custo' u residenti Blk A, Flat 10, Triq Ismek Tifhierek, San Gwann. Karta ta' l-identita Nru 481967(M);

Talli f'xi hin bejn it-18 ta' Settembru u t-23 ta' Settembru 2015, f'dawn il-Gzejjer:

1) Wieghed, tagh jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra u cioe Thomas Camilleri li asserixxa jew ikkonferma li huwa kien kapaci li jaghmel xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti (artikoli 112 et seq tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta) ta' dan is-subtitolu (fuq l-abbuz tal-awtorita pubblika) u ta' xi persuna ohra cioe PS 928 Ramon Mifsud Grech, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

2) Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri, fis-17 ta’ Novembru 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat ukoll illi l-imputat kien ser jaghti x-xiehda tieghu fuq dan il-kaz fi proceduri ohra kontra terzi;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin, ai termini tal-Art. 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**